# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Marzu, 2025.**

**Numru 19**

**Rikors numru 62/24/2 AGV**

**AB**

**v.**

**CB**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-konvenuta minn sentenza parzjali mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-26 ta' Settembru, 2024, li permezz tagħha dik il-Qorti ċaħdet it-talba tal-istess konvenuta sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha u ordnat it-tneħħija tar-risposta maħlufa u tal-kontrotalba tagħha.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-2 ta' April, 2024, l-attur talab lill-Ewwel Qorti sabiex: (i) tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet msemmija minnu bi ħtija imputabbli lill-konvenuta; (ii) tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri binthom tibqa' fi ħdan iż-żewġ ġenituri bl-istess mod u tiġi stabbilita r-residenza stabbli tagħha; (iii) tillikwida l-manteniment għall-minuri; (iv) tiffissa ġranet u ħinijiet tal-aċċess għall-minuri; (v) tagħti kull provvediment meħtieġ li jikkonċerna l-minuri, inkluż ukoll provvediment dwar il-ħruġ tal-passaport; (vi) tapplika kontra l-konvenuta l-provvedimenti tal-**Artikolu 48** u tal-**Artikoli 51** sa **61 tal-Kodiċi Ċivili**; (vii) ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti; (viii) tordna li d-dar matrimonjali tiġi assenjata lilu bil-modalità kif mitlub minnu; u (ix) tordna lill-konvenuta troddlu lura l-proprjetà kollha parafernali tiegħu jew il-valur tal-istess.

3. Jirriżulta li l-konvenuta ġiet notifikata bir-rikors maħluf u bid-dokumenti mehmuża miegħu, bid-digriet u bl-avviż għas-smigħ tal-kawża nhar it-18 ta' April, 2024, liema dokumentazzjoni tħalliet f'idejn il-minuri bint il-partijiet. Il-kawża ġiet appuntata għad-9 ta' Mejju, 2024.

4. Illi fit-8 ta' Mejju, 2024 l-attur ippreżenta rikors li permezz tiegħu

talab lill-Ewwel Qorti sabiex tordna t-twaqqif tal-komunjoni tal-akkwisti.

5. Proprju fl-ewwel dehra, il-konvenuta dehret mgħejjuna mill-avukat tagħha u hija ġiet notifikata bir-rikors tal-attur li kien tressaq fil-ġurnata ta' qabel. L-Ewwel Qorti tat lill-konvenuta sad-differiment li kien imiss biex twieġeb. Ġie vverbalizzat li peress li kien għadu għaddej it-terminu tar-risposta maħlufa, il-kawża kienet qiegħda tiġi differita għall-11 ta' Ġunju, 2024.

6. Il-konvenuta ressqet ir-risposta maħlufa tagħha fil-15 ta' Mejju, 2024 u ressqet ukoll kontrotalba.

7. Il-partijiet dehru mill-ġdid quddiem l-Ewwel Qorti nhar il-11 ta' Ġunju, 2024. Dakinhar l-attur ġibed l-attenzjoni tal-Qorti li r-risposta maħlufa tal-konvenuta ġiet ppreżentata tard, billi hija kienet notifikata fit-18 ta' April, 2024 u r-risposta maħlufa ġiet ippreżentata biss fil-15 ta' Mejju, 2024 u mhux sat-8 ta' Mejju meta kien jiskadi t-terminu. L-Ewwel Qorti dakinhar stess awtorizzat lill-konvenuta tressaq rikors sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha.

8. Il-konvenuta ppreżentat ir-rikors imsemmi nhar id-19 ta' Ġunju, 2024 u hemżet miegħu Dok DM15.

9. L-attur wieġeb għal dan ir-rikors nhar it-3 ta' Lulju, 2024 u l-partijiet trattaw dwar it-talba tal-konvenuta fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2024.

10. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Settembru, 2024, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ċaħdet it-talba tal-konvenuta u ordnat it-tneħħija tar-risposta maħlufa u tal-kontrotalba tagħha mill-atti tal-kawża.

11. Il-konvenuta appellat minn din is-sentenza permezz tar-rikors tal-10 ta' Ottubru, 2024 u ressqet l-aggravji tagħha li jissarrfu fl-ilment li l-Ewwel Qorti wettqet għarbiel ħażin taċ-ċirkostanzi tal-każ u applikat b'mod ħażin it-tagħlim ġurisprudenzjali dwar il-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.

12. L-attur wieġeb permezz tar-risposta tat-22 ta' Novembru, 2024 u ta r-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi miċħud.

13. Il-Qorti wara li rat l-atti kollha tal-kawża, tqis li m'hemmx il-ħtieġa li tqiegħed dan l-appell għas-smigħ u b'hekk sejra tgħaddi minnufih għas-sentenza b'riħet l-**Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Il-konvenuta qiegħda tressaq appell mis-sentenza preliminari li permezz tagħha ġiet miċħuda t-talba tagħha għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja.

15. L-appellanti ssemmi li qiegħda tressaq diversi aggravji, iżda dawn fil-fatt huma aggravju wieħed billi dawk li hija ssejjaħ aggravji huma raġunijiet u/jew argumenti li skontha l-Ewwel Qorti warrbet jew naqqset li tikkunsidra. Mod ieħor, il-konvenuta qiegħda ssostni li l-Ewwel Qorti wettqet għarbiel ħażin kemm taċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll applikat ħażin it-tagħlim ġurisprudenzjali dwar l-istitut tal-kontumaċja.

16. Qabelxejn jeħtieġ jiġi ppreċiżat li deċiżjoni dwar ġustifikazzjoni ta' kontumaċja hija sentenza. Għalhekk peress li l-Ewwel Qorti tat sentenza preliminari, skont l-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** dejjem tkun meħtieġa l-awtorizzazzjoni tal-qorti sabiex ikun jista' jitressaq appell minn dik id-deċiżjoni. Kemm hu hekk, skont il-*proviso* tal-**Artikolu 231(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, appell minn sentenza li ma tkunx finali jista' jsir biss jekk kemm-il darba l-Ewwel Qorti tagħti l-permess tagħha bil-miftuħ biex ikun jista' jsir dak l-appell. Mingħajr dan il-permess tal-Ewwel Qorti, kull appell li jitressaq huwa null (ara ***Anthony Borg et v. L-Awtorità tad-Djar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar, 2005; ***Bank of Valletta plc v. Act Operators Limited et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Frar, 2024 u

***Michele Peresso Limited v. De Tigne Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta' Diċembru, 2021).

17. Illi l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tal-konvenuta u wettqet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> ***«IKKUNSIDRAT:***
>
> *Illi l-Artikolu 158 jipprovdi s-segwenti:*
>
>> *158.(1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*
>>
>> *(…omissis…)*
>>
>> *(13) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu, meta l-qorti tkun stabbiliet jum għas-smigħ tal-kawża qabel iż-żmien stabbilit biex tiġi ppreżentata r-risposta ġuramentata skont dan l-artikolu, il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata mhux iktar tard mill-ħin li fih il-kawża tkun se tinstema' l-ewwel darba, u jista' wkoll jippreżentahom quddiem il-qorti f'dik is-seduta u jinnotifika kopja tagħhom lill-attur billi jagħti kopja lilu jew lill-avukat tiegħu f'dik l-istess seduta.*
>
> *Illi fil-każ odjern, il-konvenuta tittenta tiġġustifika l-kontumaċja tagħha billi tgħid li l-konsulent legali tagħha interpretat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Mejju 2024 bħala estensjoni fuq it-terminu mogħti lill-klijenta tagħha għar-risposta ġuramentata;*
>
> *Illi b'kull rispett dan l-argument ma jreġix għaliex huwa ben ovvju li l-Qorti akkordatilha sat-tieni seduta sabiex twieġeb għar-rikors, datat 8 ta' Mejju 2024, li kienet ġiet notifikata bih seduta stante; u dan oltre l-fatt, li t-terminu ta' għoxrin jum biex tiġi intavolata r-risposta ġuramentata huwa wieħed tassattiv u dan del resto kif anke jirriżulta mit-test tal-liġi, senjatament l-artikolu 158(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *Omissis*
>
> *Fid-dawl tal-fatti u tal-ġurisprudenza kopjuża, din il-Qorti tqis li l-konvenuta ma ġabet l-ebda prova ta' kawża ġusta li tista' tiġġustifika l-kontumaċja, jew li tali kawża ġusta kienet tikkostitwixxi impediment legittimu, jew żball invinċibbli li ma jammontax għal kolpa. Il-konvenuta ma seħħiliex li tissana l-pożizzjoni tagħha billi jirriżulta li sal-ewwel seduta quddiem din il-Qorti, fattwalment hija kienet diġà tinsab fi stat ta' kontumaċja u għalhekk lanqas ma jista' jreġi l-argument li tittenta tagħmel il-konvenuta li b'xi mod il-konsulent legali interpretat ħażin il-*

> *verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju 2024 għaliex it-terminu ta' għoxrin jum li hija kellha sabiex tintavola r-risposta ġuramentata tagħha mhux biss huwa wieħed tassattiv u ta' ordni pubbliku, iżda fattwalment sal-ewwel seduta kien diġà skorra u skada.»*

18. Illi l-Qorti tifhem li l-qagħda ta' persuna kontumaċi hija waħda fejn dik il-parti tkun naqset milli tressaq il-kontestazzjoni tagħha għall-kawża li tkun saritilha, fiż-żmien li hu stabbilit mil-liġi. Tifhem ukoll li r-regola taż-żmien li fih għandha titressaq dik il-kontestazzjoni hija waħda ċara u li t-tneħħija tal-kontumaċja (ukoll f'każijiet fejn ma jkunx hemm traskuraġni) hija eċċezzjoni għal dik ir-regola, li m'għandhiex titħalla li ssir ir-regola minflok ir-regola (ara s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Calleja et v. Middlesea; Valletta Life Assurance Co Ltd*** u dik mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Jannar, 2012 fl-ismijiet ***Market Handle Limited v. Fahrenheit Freight Forwardes Co. Limited et***).

19. Illi l-istitut tal-kontumaċja huwa bbażat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tiegħu wera kontumelja u dispett għas-sejħa tal-Qorti, meta huwa ġie konvenut. Hija din id-diżubbidjenza animata psikoloġikament b'dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, li l-liġi trid tirreprimi u tikkastiga, inkwantu kontumaċja bħal dik hi element ta' diżordni soċjali (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Diċembru, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Pace & Pace Company Limited v. Integrated Business Systems Limited*** u dik maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2017 fil-kawża fl-ismijiet ***Multigas Limited v.***

***Cherubino Limited***).

20. F'sentenza oħra tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, tal-5 ta' Mejju 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Cutajar et v. Mariano Farrugia et*** intqal ukoll:

> *«Illi mill-ġurisprudenza nostrana joħroġ illi 'f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumaċja ġie dejjem ritenut li m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għaliex allura minflok il-prova tal-kawża ġusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-każ il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn għaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire" (**Carmelo Bugeja v. Mary xebba Farrugia**, deċiża fis-16 ta' Frar 1996 mill-Qorti tal-Appell).»*

21. Ġie mtenni wkoll minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, li l-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni ta' dak li qiegħed jintalab mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni (Ara Appell Ċivili 6.11.1959 fil-kawża fl-ismijiet ***Ġ. Ġerada v. S. Attard*** (Kollez. Vol: XLIII.i.545)), u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-**Artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995** jidher li jtenni din il-fehma (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Diċembru, 2000 fl-ismijiet ***Edwin Bonello v. Anne Jenkins ġa Zarb***).

22. Tajjeb ukoll li ssir referenza għal dak li ġie mtenni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Lulju, 2014 fil-kawża fl-ismijiet ***Rea Ceramics Limited v. Kunsill Malti għall-Isport et:***

> *«Din il-Qorti tikkunsidra opportun li tirriferi għal ċertu prinċipji rigwardanti l-istitut tal-kontumaċja (art. 158(10) tal-Kap 12), kemm dwar ir-ratio legis tiegħu, kif ukoll dwar il-mod kif in-nuqqas tal-konvenut jista' jiġi sanat jekk*

*jipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti li n-nuqqas tiegħu li jippreżenta l-eċċezzjonijiet fit-terminu preskritt mil-liġi kien fiċ-ċirkostanzi ġustifikat.*

*L-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba da parti tal-attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa għall-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta għal forma ta' diżordni soċjali. Maż-żmien il-qrati Maltin iddeċidew li r-rigorożità tal-proċedura għandha tiġi mitigata fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqqas volut min-naħa tal-persuna mħarrka li jista' jammonta għall-ħtija, m'għandu jkun hemm l-ebda diffikultà li l-kontumaċja titqies bħala waħda ġustifikata. Di fatti l-ġurisprudenza interpretattiva stabbiliet ċertu fatturi li jirrendu l-kontumaċja mhux ġustifikabbli. Dawn huma fil-każ li l-kontumaċja: kienet volontarja jew kolpuża; jew priva minn kawża ġusta; jew mankanza ta' impediment leġittimu da parti tal-imħarrek li kien poġġa lill-istess fl-impossibbiltà jew f'diffikultà gravi li jippreżenta n-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu; jew ma kienx każ ta' żball invinċibbli (App. S. 128/**2003 Noel Calleja et v. Middle Sea Valletta Life Assurance**, deċiż 29 Jannar 2005).*

*Ukoll bl-Att XXIV/1995 iż-żmien preskritt mil-liġi għall-preżentata tan-nota tal-eċċezzjonijet tal-konvenut ġie estiż għal 20 jum, u fil-każ ta' kontumaċja ngħatat anke l-possibbiltà ta' preżentata ta' nota ta' osservazzjonijiet, biex hekk kif jgħid l-Artikolu 158[10] tal-Kap. 12 il-konvenut kontumaċi jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur (Ara fost oħrajn, App. Inf. **Fenici Insurance Agency Limited v. Stoner Paul**, deċiż 22 Novembru 2002), u dan fuq il-prinċipju li l-kontumaċja mhijiex ammissjoni jew sempliċi walk-over iżda hija kontestazzjoni u allura xorta waħda l-attur jibqalu l-oneru li jressaq provi sodisfaċenti in sostenn tat-talba tiegħu (Ara fost oħrajn, App.S 2131/**1998 Maltacom plc v. Alfred Briffa,** deċiż 13 Marzu 2001). Min-naħa tiegħu l-kontumaċi għandu l-fakoltà li jiddefendi ruħu billi jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub, u wkoll billi jappella, kemm dwar is-sentenza (App.S 184/1998 **Carmelo Galea v. Olga Agius**, deċiż 3 Diċembru 2004) li l-ewwel Qorti tkun iddeċidiet li l-kontumaċja ma kienitx ġustifikata, kif ukoll mis-sentenza finali fuq il-mertu. Għandu wkoll il-fakoltà li jipprova jiġġustifika l-kontumaċja fl-istadju tal-appell (App.Inf. 5/2003 **Jesmond Sacco v. Charles Concetta**, deċiż 7 Mejju 2004; u App.S 281/1976 **Anthony Grech v. Joseph Farrugia**, deċiż 17 Frar 2004), u, fil-każ ta' eżitu negattiv fir-rigward, għandu l-fakultà li fl-appell jittratta dwar il-meritu.»*

23. Meta nduru għall-każ tagħna, fi ftit kliem, il-konvenuta tilmenta: (a) li l-Ewwel Qorti ma qisietx iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u ma mxietx mat-tagħlim ġurisprudenzjali; (b) li huwa ċar li l-kontumelja u d-diżrispett lejn

il-Qorti min-naħa tagħha ma jirriżultawx; (ċ) li hija wriet ċar li riedet tikkontesta t-talbiet attriċi; (d) li l-ġurisprudenza reċenti, b'kuntrast mal-ġurisprudenza ferm aktar antika, ħadet direzzjoni aktar liberali u aktar konformi mad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq; u (e) li t-tort għall-kontumelja ma kienx nuqqas tagħha imma ta' terz.

24. Il-konvenuta tibda billi tfisser fir-rikors tal-appell tagħha (liema rikors tal-appell huwa ripetizzjoni tar-rikors li sar quddiem l-Ewwel Qorti), li r-rikors maħluf tħalla ma' bint minuri. Tgħid li hija mill-ewwel ikkomunikat lill-avukat tagħha, kif jidher minn *screenshot* ta' konverżazzjoni fuq *whatsapp* mehmuża mar-rikors tagħha. Tgħid li saru numru ta' laqgħat bejnha u l-avukat bi tħejjija għar-risposta maħlufa. Tisħaq li hija dehret għall-ewwel seduta mgħejjuna mill-avukat fid-9 ta' Mejju, 2024.

25. L-appellanti tirreferi għall-verbal tas-seduta li għalaq billi nkiteb li billi kien għadu għaddej it-terminu tar-risposta maħlufa, il-kawża kienet qiegħda tiġi differita. Tgħid li l-avukat tagħha żvijat ruħha bil-verbal billi rrelatat iż-żewġ frażijiet tal-verbal flimkien, u fehmet li r-risposta kellha tiġi preżentata sas-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2024. Din kienet deċiżjoni tal-avukat u ma taħtix hija għaliha. B'hekk tisħaq li dan l-inċident kien żball min-naħa tal-avukat u ma kinitx xi imġiba kolpuża min-naħa tagħha. Tenfasizza li hija għandha kull interess li tħares id-drittijiet tagħha sabiex ma jkunx hemm limitazzjonijiet għall-ġustizzja minħabba żbilanċ fil-provi.

Fuq kollox, tfakkar li r-risposta maħlufa tressqet fi stadju bikri tal-kawża ċjoè ftit jiem biss wara t-terminu impost mil-liġi meta l-provi lanqas biss kienu bdew jitressqu.

26. Din il-Qorti bla tlaqliq ta' xejn tqis li l-aggravju tal-konvenuta mhux wieħed siewi u dan għal bosta raġunijiet li se jiġu mfissra.

27. Il-konvenuta tibda billi tgħid li r-rikors maħluf tħalla f'idejn bint minuri tal-partijiet. Jiġi nnutat li skont ir-rikors maħluf din il-bint kellha diġà ħmistax-il sena. B'hekk jiġi li skont l-**Artikolu 187(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, in-notifika saret validament. Verament li l-konvenuta ma sostnietx li n-notifika mhux valida, iżda tagħmel enfasi fuq dan il-fatt. Barra minn hekk, minn dak li l-istess konvenuta tistqarr, bintha mill-ewwel għaddietilha l-inkartament.

28. Ferm il-premess, din il-Qorti tosserva li l-konvenuta la ħadet ġurament fuq il-kontenut tar-rikors u lanqas ma ressqet xhieda u provi (ħlief l-*iscreenshot* imsemmija qabel) biex issaħħaħ it-talbiet tagħha. Fatt dan, li ma jistax jitwarrab. Fl-aħħar mill-aħħar huwa magħruf li sottomissjonijiet ma joħolqux prova (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Univest Enterprises Ltd v. Josephine Mary mart Bernard Kilford*** mogħtija fl-1 ta' Frar, 2024).

29. Biss però, din il-Qorti anke li kieku kellha tqis l-affermazzjonijiet tal-konvenuta bħala ppruvati, dawn ma jtuha l-ebda wens. Kemm hu hekk, ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tat-13 ta' Jannar, 2025 fl-ismijiet ***RB v. KB*** li ladarba l-liġi tagħti żmien biex titressaq il-kontestazzjoni ta' kawża notifikata kif imiss lill-parti mħarrka, it-tressiq ta' dak l-att wara għeluq iż-żmien preskritt iġib miegħu raġuni għat-tneħħija ta' dak l-att (ara s-sentenza fl-ismijiet ***Gladys Sant Fournier et v. Il-Kummissarju tal-Art et*** deċiża nhar is-27 ta' Frar, 2015 riprodotta fis-sentenza fl-ismijiet ***B.Grima & Sons Limited v. Avukat tal-Istat et*** deċiża nhar it-13 ta' Ottubru 2022). Ir-regoli u d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jimponu ż-żmien għat-tressiq ta' atti ġudizzjarji jitqiesu ta' ordni pubbliku u huma maħsuba li jiżguraw it-tmexxija tajba tal-proċess ġudizzjarju u joqogħdu mal-prinċipju taċ-ċertezza tad-dritt. Sakemm il-ħarsien ta' dawk iż-żminijiet preskritti jitwettaq b'mod li jħalli lill-parti fil-kawża tinqeda b'rimedji proċedurali fejjieda, huwa saħansitra mistenni li dawk it-termini u r-regoli li joħorġu minnhom jitħaddmu u li l-partijiet fil-kawża jistennew li jitħaddmu (ara Q.E.D.B. 25.4.2000 fil-kawża fl-ismijiet ***Miragall Escolano et v. Spanja*** (Applik. Nru. 38366/97 et) §33). Il-ħarsien u t-tħaddim xieraq ta' regoli proċedurali jew żminijiet stabbiliti mil-liġi mhux talli ma joħonqux il-jedd għal smigħ xieraq, imma talli jevitaw li titwarrab il-flessibbiltà żejda li taf tkun kaġun ta' nuqqas ta' ċertezza ta' dritt fejn jidħol il-jedd għal aċċess għal Qorti.

30. Dik l-istess qorti kompliet tfisser li minn dawn il-prinċipji għandu joħroġ li jekk kemm-il darba parti f'kawża taqa' kontumaċi minħabba li tkun naqset li tressaq att fiż-żmien mogħti lilha, u ma tkunx lanqas seħħilha ssaffi dik il-kontumaċja billi ġġib 'il quddiem raġunijiet tajba li jiġġustifikaw dik it-tardività, dik il-qagħda ma tissarrafx f'ċaħda ta' jedd ta' aċċess għal Qorti kif mifhum fl-**Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**. Żiedet tgħid:

> *«li għalkemm il-qagħda ta' kontumaċja mhux ġustifikata ġġib limitazzjonijiet fil-mod kif parti kontumaċi tmexxi l-każ tagħha, il-liġi tagħna xorta waħda tagħtiha rimedji proċedurali li biha tista' tfisser il-każ tagħha, u għalhekk jitħares dak il-jedd ta' aċċess għal Qorti fid-determinazzjoni fil-mertu tal-każ. Dan kollu jħares il-prinċipju li l-kontumaċja mhijiex meqjusa bħala stqarrija jew ammissjoni tal-azzjoni attriċi, imma ta' kontestazzjoni għaliha u li titfa' fuq Qorti li tkun il-piż li tqis sewwa l-każ u tagħmel ħaqq fl-aspetti sostantivi tal-każ li jkollha quddiemha.»*

31. Meta nixħtu ħarsitna lura fuq il-każ tagħna, jiġi nnutat li anke jekk fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2024, tniżżel li t-terminu tar-risposta ġuramentata kien għadu għaddej, dan ma seta' qatt iwassal għal xi estensjoni tat-terminu għall-preżentata tar-risposta maħlufa. Kif rajna, it-terminu ġudizzjarju ta' għoxrin jum huwa wieħed li ma jistax jiġi estiż. Għalhekk jekk l-avukat tal-konvenuta fehmet hekk, dan l-iżball għandha tbatih il-konvenuta. Kemm hu hekk, din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Ottubru, 2022 fl-ismijiet ***Bonavia Properties Limited et v. Carmelo Pace et*** għamlitha ċara li għalkemm il-konvenuti kienu argumenatw li ma ppreżentawx it-tweġiba ġuramentata billi ngħataw parir ħażin mill-avukat dwar id-data meta kellha tiġi preżentata t-tweġiba

maħlufa, huma ma setgħux jiġġustifikaw il-kontumaċja tagħhom billi jippuntaw subgħajhom lejn l-avukat li huma stess inkarigaw minħabba parir li kien tahom. Dan għaliex, il-Qorti sabet li l-ħtija tar-rappreżentant hija ħtija tar-rappreżentat.

32. Barra minn hekk, l-istess konvenuta meta rċeviet ir-rikors maħluf kellha t-twissija ċara fuqu li kellha tippreżenta r-risposta maħlufa fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika u li jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Il-konvenuta tgħid li hija mill-ewwel kellmet lill-avukat tagħha u dan ma jistax ifisser ħlief li hija fehmet l-istess twissija. Għaldaqstant il-konvenuta kellha l-obbligu li tassigura ruħha li ssegwi dak li kienet qiegħda tagħmel l-avukat tagħha.

33. Din il-Qorti taqbel mal-ġurisprudenza l-aktar kostanti fuq il-materja tal-kontumaċja li l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola inkwantu t-termini għall-preżentati ta' atti ġudizzjarji mposti statutorjament qegħdin hemm biex joħolqu sistema proċedurali stabbli u uniformi li huma elementi essenzjali f'kull proċess ġudizzjarju. Fil-materja tal-kontumaċja l-konvenut irid jafferma kawża ġusta sabiex jissana l-kontumaċja tiegħu (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Ottubru, 2017 fl-ismijiet ***D.D.E. Attard Limited v. John Saliba nomine***).

34. Fl-aħħar mill-aħħar jingħad ukoll li l-fatt li l-Qorti għandha quddiemha kawża għall-pronunzjament tas-separazzjoni bejn il-partijiet u għall-kura u kustodja tal-minuri, fost talbiet oħra, il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn in-natura tal-kawża li dik il-qorti jkollha quddiemha (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Ottubru, 2021 fl-ismijiet ***Nikita Sciortino v. Shaun Camilleri***). Għaldaqstant il-konvenuta xorta waħda kien jeħtieġilha li tagħti prova ta' raġuni tajba għal fejn naqset milli tippreżenta risposta maħlufa.

35. Jirriżulta mill-verbal tal-ewwel seduta li l-konvenuta dehret assistita. Il-konvenuta tisħaq fuq dan il-punt, billi tirreferi għall-ġurisprudenza li tgħallem li l-kontumaċja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali, billi l-konvenut irid ikun assenti kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza. Tfisser mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet ***Emanuel Ebejer et v. Philip Attard*** maqtugħa fl-1 ta' Diċembru, 2024 li l-fatt li l-konvenut jidher materjalment quddiem il-Qorti ma jfissirx li awtomatikament issana l-kontumaċja tiegħu. Tenniet li:

> *«Il-preżenza fiżika waħedha ma kinitx biżżejjed biex tissana n-nuqqas tal-konvenut li jottempera ruħu mad-dispożittivi tassattivi li l-liġi timponi biex kawża tiġi kontestata. Kienet biss indikazzjoni tad-disponibbiltà tal-konvenut f'dak il-mument illi jassoġġetta ruħu għall-proċess ġudizzjarju u għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti. Jibqagħlu però l-obbligu li jikkonviċi lill-Qorti li n-nuqqas tiegħu ma kienx qatt ta' kontumelja li timmanifesta ruħha wkoll u prinċipalment fit-traskuraġni grossolana tiegħu. Il-preżenza fiżika tal-konvenut fl-ewwel jum tas-smigħ, meta dan ma kienx ippreżenta, kif minnu dovut fit-terminu stabbilit, nota ta' eċċezzjonijiet kienet biss timponi fuq il-Qorti l-obbligu li tindaga jekk l-assenza fl-atti proċesswali kienetx ġustifikata jew le. Ġustifikata b'mod raġonat, bi*

*spjega oġġettivament valida, ħielsa minn kull traċċa ta' nuqqas ta' rispett lejn l-awtorità tal-Qorti u tal-ordnijiet minnha emessi biex jiġu mħarsa proprju d-dispożittivi proċedurali li jassiguraw proċess xieraq.»*

36. L-Ewwel Qorti u din il-Qorti wettqu dan l-obbligu u għarblu l-argumenti (li kif ingħad aktar qabel mingħajr ma huma msaħħa minn provi sodi). Huwa ovvju għal din il-Qorti li dak li seħħ kien fatt ta' traskuraġni min-naħa tal-konvenuta li qiegħda tipprova ssib ix-xoqqa f'moxtha bil-verbal tal-Ewwel Qorti. Ma kien hemm ebda impediment leġittimu jew żball invinċibbli. Dan meta dakinhar li dehret quddiem l-Ewwel Qorti t-terminu sabiex hija kellha tippreżenta r-risposta maħlufa tagħha kien diġà għalaq. Konsegwentement, l-uniku terminu li kien beda għaddej dakinhar tas-seduta kien it-terminu sabiex l-istess konvenuta tippreżenta t-tweġiba għat-talba magħmula mill-attur għall-ordni ta' waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u xejn aktar.

37. Għaldaqstant l-aggravju tal-konvenuta se jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell tal-konvenuta, u tikkonferma s-sentenza appellata fis-sħiħ.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jinġarru mill-konvenuta.

Tordna li l-atti jintbagħtu lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) minnufih sabiex il-kawża tissokta.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da